# Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IR-REPUBBLIKA TA' MALTA V. BRAHIM OUAHMANE (KI. 415814A)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**15 ta' Settembru 2024**

IL-QORTI,

rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra Brahim Ouahmane ta' tlieta u tletin (33) sena, ta' nazzjonalità Marokkina, bin Mohammed u Fatema nee' Acorn, imwieled fil-Marokk fl-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena' elf disa' mija wieħed u disgħin (1991), iddikjarat li jirrisjedi ġewwa "88, FL G, Triq Stiefnu Zerafa, Għargħur, Malta" u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0415814A (imsejjaħ "l-imputat"), li ġie ppreżentat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti Istruttorja taħt arrest mixli illi:

**"nhar il-ħmistax (15) ta' Settembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) bejn nofsillejl (00:00) u s-sagħtejn ta' filgħodu (02:00), fi Triq Santa Rita fil-limiti ta' Paceville, San Ġiljan, Malta, u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:**

1. **Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' [redacted], f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' [redacted], u ċioe' offiża ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu, u dan hekk kif iċċertifikat minn Dr. Maria Ciantar (*Artikoli 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).***

2. **U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku (*Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)'***

rat li l-Qorti ġiet mitluba *inter alia* illi kemm il-darba tinstab ħtija fl-imputat, tħaddem l-Artikoli 382A, 383, 384, 385 u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

rat li waqt is-seduta tal-lum meta sar l-eżami tal-imputat bla theddid, bla tweghid u bla ġurament ai termini tal-Art. 390(1) u l-Art. 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jixtieqx iwieġeb dwar il-ħtija o meno tiegħu, l-imputat wieġeb li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih,

rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputat jikkonsulta l-avukat tiegħu u jerġa jaħsibha,

rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputat reġa wieġeb li huwa inkondizzjonatament ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu,

rat illi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi in vista ta' din l-ammissjoni hija kienet formalment qed tirtira l-imputazzjoni numru wieħed sa' fejn din tikkonċerna r-reat ta' offiża gravissima (Art. 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta),

semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Roderick Attard u l-Avukat Dr. Julian Scicluna (għall-Avukat Ġenerali)
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Martin Fenech bħala avukat tal-għajnuna legali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija u billi r-reati imsemmija iġorru piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-Qorti wara li wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, tatu ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha. Wara li l-imputat baqa' jtenni l-ħtija tiegħu, il-Qorti kkonvertit ruħa f'waħda ta' Ġudikatura Kriminali ai termini tal-Art. 392A tal-Kap. 9 u għaddiet sabiex tagħti din is-sentenza lill-imputat.

2. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena l-Qorti tqis illi fiċ-ċirkostanzi u ċioe tenut kont l-ammissjoni bikrija fl-ewwel stadju possibbli tal-proċeduri flimkien mal-fatt illi l-imputat għandu fedina penali nadifa apparti ċirkustanzi oħra li ħarġu mit-trattazzjoni tal-piena, tara illi tkun qed toħloq bilanċ bejn id-dritt tas-soċjeta li tkun protetta u l-interessi tal-imputat jekk tmur għal piena li tqarreb lejn il-minimu.

**Deċiżjoni**

**Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 214, 215, 216(1)(a)(ii), 216 (1)(a)(iii), 216 (1)(b), 217 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta'**

**Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi ssib lill-imputat ħati fuq ammissjoni tiegħu stess tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tikkundannah jiskonta piena karċerarja ta' sentejn u sitt (6) xhur.**

**Inoltre l-Qorti qegħda ai termini tal-Art. 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur il-persuna msemmija fl-istess Ordni għal perjodu ta' tlett (3) snin taħt dawk il-kundizzjonijiet elenkati fl-istess ordni li qed tiġi annessa mas-sentenza. Il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' din l-Ordni u l-konsegwenzi legali f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tad-digriet imsemmi.**

**Il-Qorti tordna ukoll li kopja tal-Ordni ta' Trażżin tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija u li l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja *scanned* tal-atti inkluż ta' din is-sentenza fi żmien sitt ijiem tax-xogħol.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |